**14 ta' Diċembru, 1959**

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. A. Magri, B.Litt., LL.D.**

**Michael Attard**

***versus***

**Grazia Mellak et.**

**Pagament — Cheque — Azzjoni Kambjarja — Prova — Leġittima — Spejjeż Ġudizzjarji.**

*Il-prova tal-pagament tinkombi lil min jallegah; u mhix prova l-fatt li jkun ingħata cheque bi ħlas tal-kreditu dovut, jekk jirriżulta li dak iċ-cheque ma ġiex imħallas mill-Bank għax l-emittent taċ-cheque laħaq miet qabel ma dak li rċevieh mar il-Bank biex isarrfu.*

*Xejn ma jiswa li l-kreditur ikun mar isarraf iċ-cheque xi ġranet wara li hu rċevieh, u li fl-intervall it-traent laħaq miet; għax hu, meta jitlob il-ħlas tal-kreditu tiegħu billi ma laħaqx sarraf iċ-cheque, ma jkunx qed jaġixxi bl-azzjoni kambjarja, imma jkun qed jaġixxi bl-azzjoni ordinarja derivanti mir-rapport ġuridiku li nħoloq bejn il-kreditur u d-debitur.*

*U billi l-leġittimarji ma humiex eredi, u kwindi huma ma humiex kontinwaturi tal-persuna tal-mejjet, l-azzjoni għall-pagament għandha tiġi diretta biss kontra l-eredi, mingħajr in-neċessità li jkunu preżenti fil-kawża l-leġittimarji; b'mod li, jekk il-kreditur iħarrek anki lil-leġittimarji, dawn għandhom jiġu liberati mill-osservanza tal-ġudizzju, bl-ispejjeż kontra l-attur kreditur; u dan avvolja huwa jkun ħarrikhom għall-interess li jista' jkollhom.*

Il-Qorti:— Rat iċ-ċitazzjoni li biha l-attur, wara li ppremetta illi kellu jieħu minn għand it-Tabib Dottor Angelo Attard Montalto s-somma ta' £27. 15. 0 għal xogħol li huwa ħadimlu, u li għaliha l-istess Tabib Attard Montalto kien irrilaxxja cheque (dok. A), u ġiet lilu mogħtija l-analoga riċevuta minn għand l-attur; illi mħabba l-mewt tal-istess Tabib Attard Montalto dan iċ-cheque ma setgħax jiġi msarraf, kif jiġi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-

kawża; wara li qabel xejn tiġi premessa kwalunkwe dikjarazzjoni meħtieġa, u b'mod speċjali, okkorrendo, id-dikjarazzjoni ċirka l-invalidità tal-imsemmija riċevuta għall-kawżi fuq indikati, u mogħti kull provvediment opportun, talab li l-konvenuti, fil-kwalità tagħhom premessa, inatteso r-rilaxx taċ-cheque u l-għoti tar-riċevuta fuq imsemmijin, jiġu kundannati jħallsu s-somma ta' £27. 15. 0. Bl-ispejjeż u bl-imgħax legali mid-data tan-notifika ta' dan l-att kontra l-konvenuti;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi l-konvenuti Meilak u Buttigieg, bħala eredi tat-Tabib Dr. Angelo Attard Montalto, eċċepew fl-ewwel lok li mhumiex debituri tal-attur, għaliex dan ġie mħallas mill-awtur tagħhom; il-prova tal-ħlas tinkombi lilhom, u huma jippretendu li din saret tant bl-irċevuta a fol. 11 kemm biċ-cheque a fol. 6;

Illi ma jidherx kontestat illi dan iċ-cheque, minħabba l-mewt tat-traent, ma tħallasx mill-Bank, u għalhekk l-import relattiv qatt ma għadda fil-poter tal-attur in soddisfazzjon ta' kemm kellu jieħu. Xejn ma jiswa illi l-attur ippreżenta ċ-cheque lill-Bank xi sitta jew sebgħat ijiem wara l-emissjoni tiegħu; għaliex, apparti jekk l-eċċipjenti jistgħux taħt iċ-ċirkustanzi jinvokaw favur tagħhom il-benefiċċju tal-art. 319 tal-Kodiċi tal-Kummerċ, l-attur kif jidher, mhux jeżerċita ebda azzjoni naxxenti miċ-cheque, iżda dik naxxenti mill-kuntratt li kien sar bejnu u t-Tabib Attard Montalto. U l-Pipia, fil-komment tiegħu għall-art. 434 tal-Kodiċi tal-Kummerċ Taljan (analogu għall-art. 319 tagħna) imur josserva illi "oltre quest'azione cambiaria (i.e. proprja taċ-cheque) può competere al possessore la normale azione derivante dal substrato causale nei confronti di chi gli trasmise il titolo come mezzo d'estinzione di una precedente obbligazione rimasta per contro insoddisfatta; basterà a lui provare coi normali mezzi probatori la mancata promessa del traente di fargli pagare una somma dal trattario, perchè al traente incombe l'onere

di distruggere la presunzione che sta contro di lui. Questa azione 'ex causa' sopravvive alla prescrizione cambiaria, perchè la perdita dell'azione cambiaria non può far venir meno gli effetti di un rapporto di ordine normale, nè eliminare il substrato causale che determinò il traente a riconoscersi debitore emettendo il relativo assegno bancario" (Trattato di Diritto Commerciale, Vol. III, §1073). F'dan is-sens hija wkoll il-ġurisprudenza taljana (v. sentenzi riportati mill-istess awtur fin-nota (1) *in calċe* għall-paragrafu ċitat);

Illi, kwantu għar-riċevuta a fol. 11, ladarba ma ġiex pruvat li l-ħlas effettivament sar, ma jistax ikollha l-forza li testingwi l-obligazzjoni relattiva; difatti hija ġiet rilaxxjata fl-istess ġurnata tal-emissjoni taċ-cheque, u kwindi qabel ma dan ġie preżentat u rifjutat mill-Bank. Konsegwentement l-attur baqagħalu dejjem id-dritt li jinvoka favur tiegħu l-eċċezzjoni "*non numeratae paecuniae*" (Digesto Italiano, Quittanza, §16);

Illi għaldaqstant il-kreditu tal-attur għadu ma tħallasx, u t-talba għall-ħlas tiegħu tinsab ġustifikata;

Illi l-konvenuti l-oħra ma kkontestawx il-kreditu talattur, iżda pprotestaw ruħhom mill-ispejjeż; mhux biss għaliex il-kawża ġiet provokata mill-konvenuti Meilak u Buttiġieġ, kif ingħad fin-nota tal-eċċezzjonijiet, iżda wkoll għaliex, kif ġie minnhom sottomess fid-dibattitu orali, huma sempliċi leġittimarji, u l-preżenza tagħhom fil-kawża ma kienetx meħtieġa;

Illi, f'dan ir-rigward, l-attur ippropona il-kawża kontra l-imsemmijin eċċipjenti bħala wlied u leġittimarji tat-Tabib Anġelo Attard Montalto għall-interess li jista' jkollhom. Issa, hu magħruf li l-leġittimarji għandhom biss dritt għal kwota mill-beni tal-wirt, iżda ma humiex eredi (Kollez. XXX-I-363; XXXIII-I-472); u għalhekk huma ma jkomplux il-personalità ġuridika tad-decujus; b'mod li l-preżenza u l-kontestazzjoni tagħhom mhix neċessarja fil-kawżi rigwardanti d-decujus u l-patrimonju tiegħu; saħansitra, kif ġie ritenut, lanqas f'kawża ta' liċitazzjoni, li

hija "modus divisionis" (Kollez. XXIX-II-913). Del resto, il-liġi rriversat l-obligu tal-ħlas tad-dejn tad-decujus fuq l-eredi tiegħu (art. 980 tal-Kodiċi Ċivili). Dan ifisser li l-attur ma kellux bżonn iħarrek anki lil-leġittimarji, għaliex il-preżenza tal-eredi fil-kawża kienet biżżejjed. Veru li huwa ħarrikhom għall-interess li jista' jkollhom; iżda b'dan huwa ma rrimettiex ruħu għall-ġudizzju tagħhom dwar dak l-interess, b'mod li huma kienu obligati jibqgħu, kif baqgħu, fil-kawża sal-aħħar (Kollez. XV, 547; XXV-I-303; u App. Ċiv. 16. 3. 56 in re "Spiteri vs. Spiteri"); u għalhekk hu biss għandu jbati l-ispejjeż tagħhom;

*Omissis;*

Għal dawn il-motivi, tilqa' t-talba tal-attur, u tikkundanna lill-konvenuti Meilak u Buttiġieġ iħallsulu s-somma ta' £27. 15. 0, bl-imgħax kif mitluba, u tillibera lill-konvenuti l-oħra. L-ispejjeż jitħallsu mill-konvenuti Mcilak u Buttigieg, barra dawk relattivi għall-konvenuti l-oħra, li għandhom jitħallsu mill-attur.